

NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

*Marzu - April 2001* Nru: 119



## *Messaġġ mill-Arċipriet*

Il-ferħ ta' Ġesù rebbieħ fuq il-mewt hu l-ferħ li l-Knisja tixtieq li jimla' l-qlub tagħna f'dawn il-jiem li resqin lejna. Iżda dan il-ferħ spiritwali jkun tagħna mhux permezz tat-'tifkira' li tiġi fil-menti tagħna, Iżda permezz taċ-'ċelebrazzjoni' li nagħmlu f'ħajjitna tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù.

Għalhekk insejjaħ lill-insara kollha, speċjalment lill-membri tal-komunita' parrokkjali tagħna, sabiex nilqgħu s-sejħa li tagħmlilna l-Knisja għall-konverżjoni tal-qalb fid-dawl tal-Kelma t'Alla, għall-ġenerożita' fir-relazzjonijiet ta' bejnietna u għall-fedelta' lejn il-preżenza ta' Kristu fil-liturġija.

Fil-jiem li għaddew tqassmu f'bosta djar, u minn ġol-Bażilika, libretti bid-dettalji kollha tal-funzjonijiet liturġiċi għall-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa. Ilkoll għandna nagħmlu ħilitna biex nattendu u nieħdu sehem fihom. Huma ċelebrazzjonijiet sbieħ ta' tagħlim, ta' qima, ta' tifkira għażiża, ta' grazzja u ta' edifikazzjoni spritwali.

Fil-jiem ta' l-Għid il-Kbir tasal ukoll it-tifkira liturġika tal-Patrun Għażiż tagħna San Ġorġ Martri. Għal din l-okkażjoni l-istatwa devota ta' San Ġorġ tkun esposta fil-Bażilika. F'din is-sena, l-ewwel waħda fit-triq li twassalna għall-festi ċentinarji tas-sena 2003, se jsiru diversi publikazzjonijiet dwar San Ġorġ li se jkunu għalina okkażjoni ta' tagħlim.

Ejjew napprofittaw ruħna minn din il-festa liturġika biex lil San Ġorġ insiru nafuh aktar, ħalli l-imħabba tagħna lejh tkun aktar awtentika u sħiħa. Ejjew nisimgħu t-twissija ta' San Pietru Damjani li għandna nħarsu lejn San Ġorġ mhux biss biex nistagħġbu bih imma fuq kollox biex nitgħallmu minnu nkunu dixxipli aħjar ta' Kristu u wlied iktar denji tal-Knisja tiegħu.

*Mons Ġużeppi Farrugia*
Arċipriet



**IT-TNEJN 23 ta' APRIL**
**Solennità Liturġika Tal-Patrun tagħna**
**SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI**

**IS-SIBT 21 T'APRIL:**
**7.30pm:** Kunċert ta' mużika klassika mill-Edinburgh String Quartet preżentat mill-British Council b'kolloborazzjoni tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata

**IL-ĦADD 22 T'APRIL:**
**4.30pm:** Kant Solenni ta' l-Ewwel Għasar ta' San Ġorġ bis-sehem ta' l-Assemblea Liturġika.

**IT-TNEJN 23 T'APRIL:**
**6.30pm:** Kant tat-Tieni Għasar
**7.00pm:** Konċelebrazzjoni Pontifikali preseduta mill-Eċċ. T. Mons Nikol Cauchi.
**8.00pm:** Marċ brijuż mill-Banda La Stella minn quddiem il-Bażilika sal-Każin.

# L-GĦID IT-TAJJEB LIL KULĦADD




*Uffiċċju Editorjali:* **Centru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex**
Tel: 55 63 77 • Fax: 55 69 81
E-mail: sangorg@vol.net.mt
Website: www2.vol.net.mt/org/sangorg

### MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITÀ PARROKKJALI

04.03.01: CHRISTINE, bint John Farrugia u Maria nee' Mizzi

### INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

18.03.01: Anton Gatt u Maria Victoria Refalo

### MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

01.03.01: Georgia Attard
07.03.01: Ġużeppi Fenech
17.03.01: Ġużepp Grech
18.03.01: Anton Schembri
19.03.01: Giovanna Cilia

## Donazzjonijiet

| | | |
|---|---|---|
| Mons F. Azzopardi | : | Lm2 |
| Mr & Mrs J. Formosa USA | : | 120$ |

## TLIET PELLEGRINAĠĠI ORGANIŻŻATI MILL-PARROĊĊA TAGĦNA

### FATIMA U LISBONA

Mill-Ħamis 10 ta' Mejju
sal-Ħamis 17 ta' Mejju 2001

### RUMA NAPLI CASSIA U PADRE PIO

Mill-Ħadd 22 ta' Lulju
sat-Tnejn 30 ta' Lulju 2001

### LOURDES

Mit-Tnejn 6 ta' Awissu
sas-Sibt 11 ta' Awissu 2001

***Programmi dettaljati jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mingħand Mons Salv Borg li ser imexxi dawn it-tliet pellegrinaġġi.***

# Editorjal ...

## L-GĦID IL-KBIR

Nhar il-Ħadd 15 ta' April niċċelebraw l-ikbar festa tal-Knisja: il-Qwmien ta' Kristu rebbieħ fuq il-Mewt u d-Dnub. Hekk tgħallimna meta konna mmorru d-Duttrina u verament hekk għandu jkunu għalina l-Insara.

Iżda kif jgħdilna l-Arċipriet fil-messaġġ tiegħu ma rridux niċċelerbraw biss tifkira u ma niċċelebrawx ġo qalbna din il-festa kbira billi ngħixi ħajja nisrnija awtentika u sħiħa. Għamilna Randan li matulu smajna priedki, għamilna minn jaf kemm il-darba il-Via Sagra, ħadna sehem f'diversi funzjonijiet liturġiċi u suppost li ppruvajna nirranġaw xi ftit mid-difetti li żgur li kulħadd għandu.

Issa jgħaddi r-Randan u l-Għid u hemm bżonn li nħossu li ħadna xi ħaġa mit-tagħlim kollu li smajna. Hemm bżonn nikbru fil-fidi tagħna u ma nħalluhiex biss fidi li donna tidher fil-manifestazzjonijiet, kultant pagani, li nagħmlu. Ma nħallux il-fidi tagħna tkompli ssir reliġjon mimlija folklor u xejn iżjed. Irridu nħaffru fil-fond ta' qalbna biex verament insibu l-pedamenti veri u l-valuri awtentiċi tal-Fidi Nisranija mibnija fuq il-Kelma t'Alla mħabbra lilna fil-Vanġelu Mqaddes.

## IT-TBERIK

Matul il-granet ta' wara l-Għid nibdew nilqgħu fil-familji tagħna lill-Arċipriet, mhux biex ibierek id-dar, imma biex ibierek il-familji tagħna. Hija ħaġa xierqa li għal din l-okkażjoni l-membri kollha tal-familja jkunu preżenti u fejn hemm xi bżonn speċjali nifthu qalbna waqt din iż-żjara. Aħna konvinti li l-Arċipriet huwa dejjem disponibbli u jekk jinħass il-bżonn izomm kuntatt kontinwu ma' dawk li jkunu lesti li jirċievu u jsegwu l-parir tiegħu. J'Alla miż-żjara li l-Arċipriet ser jagħmel fil-familji tagħna joħroġ il-frott mixtieq.

# GĦIN FIL-BINI TAĊ-ĊENTRU PARROKKJALI



Kif jidher hawn fuq x-xogħol fuq il-bini taċ-Ċentru Parrokkjali miexi b'ritmu sewwa. Ftit tal-ġimgħat ilu nbidel is-saqaf tas-sagrestija l-kbira, kif konna nafuha sa issa fejn fuq kien hemm l-Awla Kapitolatri. Ġie nawgurat l-uffiċċju ġdid ta' l-Arċipriet u x-xogħol tal-bini flok il-bini qadim li twaqqa' mexa 'l quddiem sewwa. Aħna nittamaw li jkun hemm iktar qlub ġenerużi li joffru Lm50 bħala self għal dan il-proġett. Jekk il-parroċċa tagħna ma jkolliex l-istrutturi moderni meħtieġa għall-ħidma pastorali fid-dinja ta' illum ma nistgħux nimxu u nkunu organizzati tajjeb f'din il-ħidma. J'Alla kull min jist' jingħaqad ma dawk li kienu pronti fl-għajnuna tagħhom ħalli dan il-proġett għat-Tielet Millenju narawħ lest mill-iktar fis possibbli u mill-Lulju li ġej lil hemm nibdew nagħmlu ukoll użu minn partijiet minnu.

# NIFIRĦU



Lil **PATRI SERAFIN BORG OSA** li ġie maħtur Kanoniku Onoraju tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata tagħna.



Lil **MONS SALV BORG** li għadu kemm ġie maħtur Direttur Spiritwali tas-Soċjeta' Filarmonika 'La Stella'.

# PROGRAMM TAL-ĠIMGĦA MQADDSA 2001

**Il-Ħadd 8 ta' April:**
8.30am Tberik tal-Palm u ż-Żebbuġ fil-Knisja ta' San Ġakbu u Purċissjoni lejn il-Bażilika.
9.00am Konċelebrazzjoni Solenni mill-Kapitlu u l-Kleru.

**It-Tnejn 9 ta' April:**
6.00pm Konċelebrazzjoni fil-Bażilika preseduta mill-E.T. Mons Nikol Cauchi
6.30pm Via Sagra fil-beraħ waqt pellegrinaġġ bl-istatwa tar-Redentur.
*(Illum ma jkunx hawn quddiesa fis-7.00pm)*

**It-Tlieta 10 ta' April:**
6.00pm Kant ta' l-Għasar mill-Kapitlu u Kleru u Benedizzjoni Ewkaristika.
7.00pm Kunċert ta' Marċi Funebri mill-Banda La Stella fil-Bażilika.
*(Illum ikun hawn quddiesa waħda fil-5.00pm)*

**L-Erbgħa 11 ta' April:**
6.00pm Ċelebrazzjoni Penitenzjali għall-Komunita' Parrokkjali kollha mmexxija minn Mons Isqof Nikol Cauchi fl-okkażjoni tal-Vizta Pastorali
Illum jagħmlu l-ewwel qrara t-tfal tal-Preċett u jirċievu s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni it-tfal tal-Griżma ta' l-Isqof flimkien mal-ġenituri tagħhom.

**Il-Ħamis 12 ta' April:**
5.00pm; Konċelebrazzjoni Solenni fit-Tifkira ta' l-Aħħar Ikla tal-Mulej bir-rit tal-Ħasil tar-Riġlejn.
6.30pm: Purċissjoni Tradizzjonali tal-Ġimgħa l-Kbira bis-sehem tal-Banda La Stella

**Il-Ġimgħa 13 ta' April:**
8.00am: Uffiċċju tal-Qari u tifħir ta' Sbieħ il-Jum
4.00pm: Funzjoni Liturġika bil-qari tr-Rakkont tal-Passjoni, Adorazzjoni u bews tas-Salib u Tqarbin.

**Is-Sibt 14 ta' April:**
8.00am: Uffuċċju tal-Qari u tifħir ta' Sbieħ il-Jum
8.00pm: Funzjoni Liturġika bit-Tberik tan-Nar, it-Tħabbira ta' l-Għid, il-Qari u Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons Arċipriet.

**Il-Ħadd 15 ta' April:**
9.00am: Dimostrazzjoni bl-istatwa artistika ta' Kristu Rxoxt bis-sehem tal-Banda La Stella
11.00am: Konċelebrazzjoni Pontifikali mill-Kapitlu u l-Kleru preseduta minn Mons Isqof Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata.
4.30pm Għasar Solenni mill-Kapitlu u l-Kleru
Illum jibda' t-Tberik tal-Familji

LEJN IS-SENA 2003

*Kitba ta'*
**Dun Guzepp Gauci**

# SAN ĠORĠ MARTRI

## KARIGA - DIOKLEZJANU - ID-DRAGUN

### Daħla.

It-Tradizzjoni nisranija dejjem ippreżentatilna lil San Ġorġ bħala suldat nisrani li ħa l-Martirju fi żmien il-persekuzzjoni ta' l-Imperatur Ruman, Dioklezjanu. Il-ġlieda ta' San Ġorġ kontra l-ħażen sa minn żminijiet antiki ġiet ippreżentata bil-leġġenda tal-ġlieda mad-Dragun. Għalhekk, f'dan l-artiklu se nitkellmu dwar San Ġorġ bħala suldat, se naraw min kien Dioklezjanu, u se niflu t-tifsira tal-leġġenda tad-Dragun.

### Il-Kariga Militari ta' S. Ġorġ.

Is-Surius fil-'Vitae Sanctorum', jgħidilna li missier San Ġorġ Geronzjo, kien suldat. U, naturalrnent, il-kariga tal-missier, nebbħet lill-iben, U. meta kiber, Ġorġi, għażel għalih innifsu l-karriera militari u mexa 'l quddiem, tant li laħaq Tribun. Hawnhekk. niftakru fi kliem id-Duttur tal-Knisja, San Pietru Damjan, li fil-Bazilika ta' San Ġorġ f'Għawdex jinsab miktub fil-friz 'mosaico d'oro' li jdur madwar il-Knisja kollha, u li jitkanta fl-Antifona tal-Flamengo: **'L-Imqaddes Ġorġi għadda minn milizja għal milizja: ix-xogħol ta' tribun ta' din id-dinja li kien iwettaq, bidlu mal-ħidma tal-milizja niranija'.**

Mons. Dante Balboni, fil-ktejjeb tiegħu 'San Giorgio', kiteb hekk: 'il-professjoni militari tiegħu (ta' San Ġorġ). Jidher li hi ġejja mill-identifikazzjoni tiegħu mat-tribun li ċarrat l-editt ta' Galerju kontra l-insara, f'Nikomedija, skond kif irrakkuntat minn Ewsebju, fl-istorja tal-Knisja tiegħu, u skond dak li kiteb il-Papebrochio'.

Patri Giorgio da Riano, fil-ktieb tiegħu 'San Giorgio: Grande Martire della Chiesa di Gesu Cristo', qalilna: 'Wara l-mewt ta' żewġha, l-omm (ta' San Ġorġ), iddeċidiet li tmur lura lejn il-Palestina, fejn kellha wirt kbir'. Hawnhekk, P.Giorgio da Riano, qed jikkwota dak li kiteb is-Surjus dwar San Ġorġ fil-'Vitae Sanctorum'. Imbagħad, ikompli:'Waslet is-siegħa li ż-żagħżugħ jiddeċiedi li jħaddan karriera li tassiguralu l-ġejjieni tiegħu: u mexa fuq il-passi ta' missieru u ddeċieda għall-ħajja militari'. Wara l-mewt ta' ommu, Policronja, San Ġorġ mar fin-Nikomedija, fejn seta' jaqdi aħjar d-dmirijiet militari tiegħu.

Il-Professoressa, Bianca Maria Margarucci Italiani. mill-Parroċċa ta' San Ġorġ ta' Castelceriolo, fil-Provinċja ta' Alessandria, fl-Itaija, fi studju dokurnentat li għarnlet dwar San Ġorġ, kitbet hekk: 'skond xi kitbiet, Ġorġi tal-Kappadoċja, hu l-uffiċjal tal-milizja li quddiern is-sejħa tas-setgħana mill-Imperatur biex jistabilixxu x'passi kellhom jittieħdu kontra l-insara, qassam ġidu lill-foqra, u, imbagħad, meta ġie mistoqsi dwar dan, iddikjara li hu nisrani'.

Il-Borelli, fl-opra tiegħu dwar San Ġorġ, fil-kuntest tal-kariga militari li ħaddan, isemmi tliet ġrajjiet li bil-probabilita' kollha seħħew f'din l-eta' żagħżugħa tal-Qaddis Martri. L-ewwel naqraw dwar it-talba li San Ġorġ għamel lil ommu biex minn Lidda, imur iżur il-postijiet irnqaddsa mill-presenza tal-Feddej, f'Ġerusalemm, li ma tantx hi 'l bogħod rninn Lidda. Il-Borelli kiteb hekk: 'F'dan il-pellegrinaġġ għażiż, Ġorġi ma ħa 'l ħadd miegħu, ħlief biss dawk il-virtujiet li bihom kien imżejjen. Matul it-triq qagħad dejjem jaħseb f'dik it-tbatija li Ġesù bata għalina. Malli wasal Ġerusalemm, il-qalb tiegħu ma



*San Ġorġ fi ġlieda mad-Dragun: Altoriljeiv modern, xogħol ta' J. Puig (1889-1900) f'Barcellona, Spanja.*

setgħetx iżżomm aktar b'dak il-ferħ qaddis li hu ħass ġo fiha. Kemm kienu sbiħ dawk il-ġranet li għadda hemm f'dik il-ġabra ta' devozzjoni kbira!' Nemmen, mal-Borelli, li din iż-żjara, ħejjiet lil Ġorġi għat-taqbida tal-fidi li kien hemm lesta għalih.

It-tieni ġrajja msemmiha mill-Borelli hi dik tal-mewt ta' l-omm, Policronja. Naqraw: 'Il-Mulej kellu lesta prova oħra iebsa għal dan iż-żagħżugħ Qaddis tagħna: il-mewt ma damitx ma ħasdet ukoll lil dik il-maħbuba kreatura, u Ġorġi, fl-aħjar ta' żogħżitu sab ruħu ltim minn ommu u missieru'.

It-tielet ġrajja li jsemmi l-Borelli, hi dik ta' meta Ġorġi ħaddan il-kariga militari ta' suldat Ruman, u jgħidilna: 'il-Providenza Divina riditu fl-eżerċtu Imperjali fejn hu wisq iktar seta' jkun żelatur tal-fidi u, imbagħad, jiddefendiha'.

Henri Daniel Rops, fl-istorja tal-Knisja tiegħu, sewwasew fil-Volum 'The Church of Apostles arid Martyrs" (Chapter VIII), jikteb hekk: 'Għalkemm il-persekuzzjoni mqanqla fit-303 kienet l-eqqel waħda fost dawk li l-Knisja kelha tgħaddi minnhom f'żewġ sekli u nofs, kienet ukoll waħda mill-aktar abbundanti f'figuri erojċi, f'eżempji superumani ta' qawwa u kuraġġ... Ma' dan iż-żmien, jintrabtu numru ta' qaddisin magħrufin bħala *'l-erbatax-il qaddis awżiljarju'* li huma meqjumin fil-Knisja Kattolika għall-qawwa tat-talb tagħhom. Fosthom hemm San Ġorġ li hu meqjus bħala dak in-nisrani li qered l-editt ta' Nikomedija, u li minħabba l-qawwa tiegħu ġie magħmul patrun tas-suldati'.(p.143)

### L-Imperatur Dioklezjanu

'L-aqwa sforz tas-setgħa Rumana kontra l-Kristjaneżmu, kienet il-persekuzzjoni ta' Dioklezjanu', kiteb Jacques Zeiller, fil-54 Volum ta' l-Enċiklopedija tal-Kattoliċeżmu, 'Christian Beginnings'. Sa minn meta sar Imperatur fil-283, ħaseb biex isaħħaħ l-Imperu u għażel lill-Massenzju biex jgħinu. Għall-bidu, dan Dioklezjanu, ma wera ebda mibgħeda lejn l-Insara. Imma dan l-atteġġjament inbidel għal kollox mal-bidu tar-raba' seklu, meta għażel lil Galerju biex jgħinu. Dan Galerju kellu mibgħeda mill-akbar għall-insara u rnexxielu jdawwar lil Dioklezjanu kontrihom ukoll.

Fis-sena 303, Dioklezjanu ħareġ tliet editti kontra l-insara. L-ewwel wieħed ordna l-qerda tal-kotba u postijiet sagri u tat-tkeċċija ta' l-insara minn uffiċċji pubbliċi li kellhom. It-tieni, ordna l-arrest tal-kleru, u t-tielet ordna l-moħqrija ta' dawk li jirrifjutaw li jissagrifikaw lill-idoli. B'hekk bdiet l-aqwa persekuzzjoni kontra l-insara,li fiha, fost tant Martri, insibu lil San Ġorġ.

Ewsebju ta' Ċesarija, fil-ħames volum ta' l-istorja tal-Knisja li kiteb, jirrakkonta li meta f'Nikomedija ġie mxandar id-digriet kontra l-insara kien hemm persuna magħrufa li ċarrtet dan l-editt. Din il-persuna ġiet identifikata ma' San Ġorġ li f'dak iż-żmien kien diġa mar joqgħod f'Nikomedija minħabba esiġenzi tal-karriera militari tiegħu. Anke l-Kardinal Wiseman, fir-rumanz tiegħu 'Fabiola', isemmi lil San Ġorġ bħala dak li ċarrat l-editt ta' l-Imperatur Ruman, f'Nikomedija.

Ewsebju, jkompli jirrakkonta li meta seħħet din il-ġrajja, meta ġie mċarrat l-editt ta' Nikomedija, f'din fl-belt kien hemm preżenti żewġ imperaturi, il-kbir fosthom (qed jirreferi għal Dioklezjanu) u dak li qiegħed fir-raba' post tat-tmexxija (Galerju). Minkejja dan, dak li ċarrat l-editt (San Ġorġ), kien l-ewwel wieħed li ddistingwa ruħu; u, fl-istess ħin, meta ssaporta dawk ir-riżultati li, naturalment, ġraw wara sogru ta' dik ix-xorta(it-tiċrit ta' l-editt), hu baqa' sod u qawwi f'imġiebtu sa l-aħħar nifs.

## Il-Leġġenda tad-Dragun.

Hu fatt li l-aktar xbihat komuni u popolari ta' San Ġorġ, huma dawk li juruhulna fug iż-Żiemel abjad qed jiġġieled jew joqtol lid-Dragun, u fil-ġenb jew fl-isfond, tidher it-tfajla meħlusa rnid-dragun. Hemm ukoll pitturi li ħallewlna sensiela sħiħa ta' kwadri biex jirrakkuntaw din il-ġrajja leġġendarja, li sa jaslu għat-tieġ ta' San Ġorġ mat-tfajla meħlusa mid-dragun. Ta' min isemmi l-pittura tat-Tieġ ta' San Ġorġ mal-Prinċipessa li hemm fit-"Tate Gallery" ta' Londra, xogħol Dante Gabriel Rossetti. Hemm ukoll numru ta' kwadri li jippreżentaw din il-leggenda, impittrin minn Sir E. Bume Jones, bejn l-1840 u 1-1890, li jinsabu fil-'Victoria & Albert Museum' ta' Londra, li tagħhom għandi riproduzzjonijiet fil-Kollezzjoni Ġorġjana tiegħi, 'San Ġorġ fl-Arti u fil-Kultura'.



*San Ġorġ quddiem Dioklezjanu: Statwa li tintrama fit-toroq ta' Ħal Qormi għall-festa ta' San Ġorġ.*

Illum, kulħadd jaqbel li din tad-Dragun hi leġġenda maħluqa fi żmien il-Kroċjati li, kif jgħidilna Mons. Dante Balboni, 'ġiet mibnija fuq interpretazzjoni żbaljata mogħtija lil xbiha ta' l-Imperatur Konstantinu li kienet fil-belt ta' Kostantinopli, u fejn dragun li jippreżenta l-ħażen jidher li ġie maqtul minn dan l-Imperatur'. Xi żminijiet qabel, Sant'Andrija ta' Kreta, kien għamel priedka dwar San Ġorġ u ppreżentah bħala rebbieħ fuq id-dragun tal-ħażen. Din l-allegorija, malajr xegħlet il-fantasija ta' dawk li kellhom qima kbira lejn San Ġorġ u li riedu jkabbru l-importanza tiegħu. Fl-istess żmien, ġiet fl-idejn il- 'Legenda aurea' ta' Jacopo da Voragine. Fis-Sekli 14 u 15, kienet fl-aqwa tagħha, f'ħafna bliet ta' l-Ewropa, il-'ludus draconis', imnebbħa minn din il-leġġenda ta' San Ġorġ u d-Dragun.

Għalkemm il-ġrajja tad-dragun hi leġġendarja, mhux ta' min iwarrab għal kollox is-simboliżmu qawwi li tnebbaħna. Il-ġlieda kontra kull xorta ta' ħażen ippreżentat mid-dragun, saret rejalta' f'San Ġorġ, u bir-rebħa li għamel b'ħajja qaddisa f'ambjent pagan, b'xhieda qawwija għall-fidi nisranija bil-martirju tiegħu, u bil-ħarsien li ta u għadu jagħti lil ħafna popli, hi rejalta' tassew konkreta. Il-ħelsien tat-tfajla hi simbolu tal-ħelsien tal-Knisja mogħtija minn Konstantinu għaxar snin wara l-Martirju ta' San Ġorġ, fl-313, u tal-ħelsien ta' l-insara minn ħafna tfixkil, blgħajnuna f'waqtha ta' San Ġorġ. L-għerusija, jew iż-żwieġ ta' San Ġorġ mat-tfajla meħlusa mill-ħakma tad-dragun, hi turija tal-għaqda qawwija ta' San Ġorġ ma' Kristu u mal-Knisja tiegħu.

Ta' min isemmi hawn ukoll, x'uħud mil-ħafna simboliżrni li toffri l-arti meta tippreżenta lil San Ġorġ fi ġlieda mad-dragun. L-ikoni biżantini u russi, jirrappreżentaw lil San Ġorġ jeħodha mad-dragun b'lanza rqieqa u b'salib fit-tarf ta' fuq tagħha, filwaqt li minn xi kantuniera min-naħa ta' fuq tidher l-id tal-qawwa t'Alla, jew inkella wiċċ Kristu: kollox irid jindika li r-rebħa ta' San Ġorġ saret bil-qawwa t'Alla. Fl-arti etijopika, San Ġorġ fuq iż-Żiemel hu ppreżentat b'għajnejh imberrqin lejn min ikun qed iħares lejn dik ix-xbieha: dan juri l-interess ta' San Ġorġ li juża l-qawwa setgħana tiegħu b'risq il-bnedmin. F'pittura tar-Rubens li hemm fil-Mużew El Prado ta' Madrid, tispikka l-qilla kbira fil-ġlieda kontra ddragun tal-ħażen, biex turi kemm il-qawwa tal-ħażen, kif ukoll il-qawwa ta' Alla. Il-ħarsa sabieħa ta' San Ġorġ lejn is-sema wara r-rebħa tiegħu fuq id-Dragun, kif ippreżentat minn Mattia Preti (1657) fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, fil-Belt Valletta, turi s-sodisfazzjon ta' San Ġorġ bir-rebħa li għamel bl-għajnuna smewwija. Is-serenita' fuq wiċċ San Ġorġ, fil-kwadru tal-Mattia Preti (1678) fil-Bażilika tal-Qaddis, f'Għawdex, turi l-ferħ li jesperimenta n-nisrani wara r-rebħa fuq il-ħażen. Kwadru b'San Ġorġ sejjer għall-ġlieda mad-dragun u b'anġlu jurih l-Ewkaristija, li jinsab f'Ceccano, Provincja ta' Frosinone, fl-Italja, jgħallem l-importanza tal-Ewkaristija fil-ġlieda kontra l-ħażen.

Kollox ma' kollox, ta' minn jgħid, kemm messaġġi teoloġiċi toffrielna x-xbieha ta' San Ġorġ fi ġlieda mad-Dragun tal-ħażen!

---

***Riferenzi:***

Da Riano, P.Giorgio, O.F.M.Cap: "S .Giorgio Martire - Grande Martire della Chiesa li Gesu Cristo": Tipografia Taddeide di Riano, Roma: 1962.

Borelli Salvatore:"Il Megalomartire San Giorgio": Napoli. 1902.

Balboni, Dante: 'San Giorgio': Centro Studi su San Giorgio, Roma, 1983.

Maragrucci Italiani, Bianca Maria: 'San Giorgio Martire nella. Storia e nel Culto' Edizioni Centro Documentazione "Carlo Torriani" Castelceriolo Alessandria: 1996.

Rops, Henri Daniel: "The Church of Apostles and Martyrs": Image Books, New York, 1948.

Zeiller, Jacques: "Christian Beginnings": Hawthorn Books, New York, 1960.

# Rokna għat-Tfal



Għeżież tfal,

Kif intom! Nittama li tinsabu tajbin. Għadda l-karnival, għaddew l-eżamijiet ta' nofs is-sena w issa ninsabu f'dawn fl-aħħar ġranet sbieħ u għeżież tar-Randan Imqaddes. Jiena ċert li għalkemm tfal, intom ukoll tħossu l-bżonn li tagħmlu ftit tas-sagrifiċċju, li fi żmienna tant hu nieqes. Ġesù dam erbgħin jum sajjem fid-deżert u ttantat mix-xitan. Matul dawn l-erbgħin jum li waslu biex jispiċċaw x'għamilna biex inpattu għal ħtijietna? Jiena ċert li fl-iskola smajtu l-eżerċizzi spiritwali u forsi wkoll l-eżerċizzi li saru għalikom fil-parroċċa tagħna. Nittama li xi ħaġa minn dawn il-priedki laqtitkom lkoll.

Ħaġa oħra sabieħa matul ir-Randan hija li mmorru ninvistaw ikl-Via Sagra. Kemm hi ħaġa sabieħa li mattalb li s-soltu ngħidu kuljum, f'dan lż-żmien inżidu wkoll xi ftit riflessjonijiet quddiem l-erbatax-il stazzjon tal-Via Sagra! Il-knisja tilbes id-damask iswed, sinjal ta' luttu. Fil-knisja tagħna jkollna ħafna attivitajiet marbuta ma' dan iż-żmien hu huwa importanti li nieħdu sehem fihom kull darba li niġu mistiedna għalihom.

Jien ċert li ħafna minnkom ser jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, tattendu għall-funzjonijiet kollha li jsiru fil-knisja u ma' tad-dar tagħmlu s-seba' visti. Aħna fil-Parroċċa tagħna jkollna Sepulkru sabieħ tassew. Fuq l-istazzjon tar-rdju tagħna 'Leħen il-Belt Victoria' ikollna programmi sprċjali. Ma jonqsux il-marċi funebri li jinbidlu f'marċi ferrieħa tal-festa, meta wara l-Għid Imqaddes li din is-sena ser jaħbat il-Ħadd 15 t'April, tiġi fuqna t-tifkira tat-23 t'April, festa liturġika tal-Patrun tagħna u t' gżiritna l-Megalomartri San Ġorġ. Bla dubju l-festa kbira nagħmluhielu matul it-tielet ġimgħa t' Lulju, jekk Alla jrid. Imma mportanti li l-jum tt-23 t'April inqaddsuh bil-quddiesa u tqarbina, u dk in-nhar fil-għaxija nttendu għall-Konċelebrazzjoni Pontifikli li jmexxi Mons Isqof.

Mela tfal, tridux nieqfu hawn għal lum. Nawguralkom festi sbieħ u għeżież; kunu tfal bravi u eżemplari; tfal li tħobbu l-kotba u lil dawk kollha li jgħallmukom; attenti dejjem u aħarbu l-kumpanija ħażina. Isimgħu dejjem minn tad-dar għax bħal ġenituri tagħkom ma ssibu mkien. Titbiegħdu qtt mill-parroċċa, anzi ħubbuha u għożżuha. Il-patrun tagħna San Ġorġ jieħu gost jarakom f'daru!

Minn qiegħ qalbi nawguralkom l-Għid it-Tajjeb u sakemm nerġgħu niltaqgħu nixteqilkom kull barka u ġid.

***Ciao.*** *Iz-Zijiu Peppi*

## KOMPETIZZJONI

**Ktieb bil-Malti ġentilment mogħti mill-Klabb Kotba Maltin (Tel. 551325) jitla' bix-xorti fost dawk li jwieġbu tajjeb dawn il-mistoqsijiet:**

1. Fil-Bażilika tagħna nsibu żewġ kwadri ta' Mattia Preti. Liema huma?
2. Fi Pjazza San Ġorġ insibu lapida u bust tal-bronż. Għal liema persunaġġ sar dan il-mafkar?
3. X'Kien jisimha l-aħħar 'play' li saret fit-Teatru Astra?
4. Min ħadem il-Kurċifiss ta' l-injam li jkun hemm fil-Vara l-Kbira tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira?
5. Dan l-istess skultur ħadem xi ħaġa oħra mportanti ħafna fil-Bażilika tagħna. X'inhi?

*Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom sat-30 t'April 2001 f'dan l-indirizz:*

**L-Editur, 'IL-BELT VICTORIA', Uffiċċju Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Victoria.**

Rebbieħa tal-Kompetizzjoni tal-ħarġa ta' Jannar-Frar 2001: GRAZIELL SACCO, Blk. KA Flat 5, Sannat Rd. Tac-Cawla. *(Il-premju jista' jinġabar mill-Uffiċċju Parrokkjali)*

## RECORDING TA' CD



Ir-ritratt juri l-attivita' waqt recording ta' CD ta' Mużika Barokka, bis-sehem tal-Kor Laudate Pueri, li se tiġi preżentata u esegwita waqt Baroque Week Festival li se jsir fit-Teatru Manoel, fil-Konkatidral ta' San Ġwann u fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Il-Kunċert Orkestrali Korali fil-Bażilika tagħna se jsir nhar it-Tnejn 7 ta' Mejju 2001 fis-7.30pm.

ISMA' LEĦEN IL-PARROĊĊA FUQ
***LEĦEN IL-BELT VICTORIA***
**FM Stereo 104**
*Ir-Radju tal-Komunita' Tagħna*
F'dawn il-ġranet bi skeda sħiħa matul il-ġimgħa kollha

# Grad uniku lil Sopran Għawdxija



Dan l-aħħar is-sopran magħrufa **MISS. MARIA FRENDO**, wild il-parroċċa ta' San Ġorġ, irċeviet id-dottorat fil-Letteratura Ingliża mill-Universita' ta' Durham, fl-Ingilterra. Hija kellha l-unur uniku li tingħata *summa cum laude* għar-riċerka oriġinali tagħha dwar T.S. Eliot, persunaġġ mill-aktar importanti fil-letteratura Ingliża, u kienet l-unika waħda li ngħatat dan l-unur fil-grad tal-Ph.D., mill-Fakulta' ta' l-Arti ta' l-Universita' ta' Durham matul is-sena 2000.

It-teżi tagħha, bl-isem *"T.S. Eliot and the Music of Poetry"* kienet deskritta bħal teżi li tikkwalifika "fl-oriġinalita', fil-profondita' u fl-istil grazzjuż u l-preżentazzjoni. . . . qasam verġni ta' studju li jikkontribwixxi mhux ftit għall-istudju tal-letteratura". Frendo kienet ukoll imfaħħra għas-"sens kritiku u l-kapaċitajiet argumentattivi" fir-riċerka tagħha. Fl-istudju tagħha Ms. Frendo integrat Iż-żewġ oqsma favoriti tagħha, dak tal-letteratura Ingliża u l-Mużika. Matul l-ewwel sena tagħha f'Durham hija attendiet ukoll kors li wassal għall-grad prestiġjuż ta' M.A. fit-Teorija Kontemporanja u Letterarja. Il-*paper* li ssottomettiet għall-akkwist ta' dan il-grad akkademiku kien Igib l-isem *"Bakhtin and the Poetics of Diagolism in Dostoevsky"*. Matul Iż-żmien tagħha f'Durham, Ms. Maria Frendo kienet ukoll tgħallem fi ħdan din l-Universita'.

Lil Ms. Maria Frendo, li żgur li nafuha bħala sopran ta' kalibru fi ħdan il-Kor "Laudate Pueri" tal-Parroċċa tagħna, nifirħulha u nawgurawlha!

## MARĊI FUNEBRI MILL-BANDA ĊITTADINA

# LA STELLA

Wara li s-sena l-oħra d-Double CD Album ta' marċi funebri, bl-isem ELEGY, intlaqgħet tant tajjeb hekk kif dehret fil-ħwienet ewlenin tad-diski f'Malta u Għawdex, is-Soċjeta' Filarmonika La Stella dehrilha li din is-sena għandha terġa' tillnċja din is-CD, miżgħuda b'mużika ferm adattata għall-Ġimgħa Mqaddsa. Dan qed tagħmlu biex tilqa' ix-xewqa ta' bosta ammiraturi u dilettnti tal-mużika sagra li baqgħu ma akkwistawx kopja ta' din il-Compact Disk.

'Elegy' jiġbor fih sett ta' 20 marcia funebri li lkoll ħarġu mill-pinna tal-magħruf kompożitur, Prof. Joseph Vella, Surmast-Direttur tal-Banda Ċittadina La Stella. Dawn il-marċi nkitbu mis-Surmast Vella esklussivament għall-Banda La Stella tul it-30 sena li ilu bħala Surmast-Direttur ta' din il-Banda ewlenija tal-gżira Għawdxija.

Ta' min jgħid li l-biċċa l-bkira ta' dawn il-marċi, li huma dedikati lil persuni li ħadmu b'xi mod jew ieħor fi ħdan is-Soċjeta' Filarmonika, jindaqqu ta' kull sena fil-Purċissjoni devota li toħroġ mill-Bażilika ta' San Ġorġ, l-eqdem purċissjoni f'Għawdex.

'Elegy' jinsab mill-ġdid għall-bejgħ mil-Każin tal-Banda Ċittadina La Stella u mill-ħwienet ewlenin tad-diski f'Malta u Għawdex.

# ROMEO U ĠULJETTA

Ħadt gost ħafna nara l-preżentazzjoni ta' dan id-dramm ta' Shakespeare, maqlub għall-Malti minn Alfred Palma, fit-Teatru Astra s-Sibt 3 ta' Marzu 2001.

Jien, li ddiriġejt sitt drammi ta' Shakespeare għall-MADC f'Sant Anton, naf kemm titlob xogħol produzzjoni bħal din. Dawk kollha li ħadu sehem, kemm fuq il-palk kif ukoll wara l-kwinti, jitħoqqilhom kull tifħir għall-impenn li wrew biex dan id-dramm jirnexxi.

L-attruri kienu mħarrġin sewwa mid-direttur Mario Tabone. Kollha kemm huma kienu jafu l-linji u ħadd minnhom ma kellu bżonn is-suġġeritur. Is-sett, il-kostumi, iż-żfin u l-ġlied bix-xwabel kienu magħmulin sewwa. Dawk li marru jaraw dan id-dramm ħarġu sodisfatti kif wera ċ-ċapċip meta niżel is-siparju wara kull att, u saħansitra waqt l-azzjoni nfisha.

Kulħadd ta sehemu u ħadem bil-qalb u bl-entużjażmu biex dan id-dramm jirnexxi, u għalhekk ma nixtieqx insemmi lill-individwi, biex ma nħalli barra lil ħadd.

M'għandniex xi ngħidu l-partijiet ewlenin kienu jitolbu aktar xogħol u aktar studju mill-oħrajn. Imma s-suċċess ta' xogħol bħal dan huwa suċċess kollettiv, u għalhekk kulħadd jixraqlu prosit, anke min forsi deher biss għal ftit tal-ħin.

Il-konkorrenza tal-pubbliku kienet tajba u għandh timla bil-kuraġġ lill-oganiżżaturi biex jidħlu għal biċċa xogħol oħra bħal din is-sena d-dieħla jew ta' warajha. Tieħu gost tara żgħażagħ mimlijin bl-entużjażmu jaħdmu id f'id ma' oħrajn b'aktar esperjenza biex ixerrdu l-kultura teatrali f'Għawdex. Prosit lil kulħadd.

Joe Friggieri

# MADAMA BUTTERFLY
## FIT-TEATRU ASTRA

L-opra ta' Puccini, popolari ma' ħafna, ***Madame Butterfly***, se tittella' fit-Teatru Astra nhar is-Sibt 28 ta' April 2001 fis-7.30pm.

Wara suċċess kbir miksub fl-istaġun teatrali tas-sena l-oħra permezz ta' l-opra grandjuża ta' Ponchielli, La Gioconda, bil-parteċipazzjoni memorabbli tas' Dimitrova fil-parti prinċipali, il-Management tat-Teatru Astra jippreżenta spettaklu kbir nke din is-sena permezz ta' kantanti barranin mill-iktar rinomati fil-kamp liriku. Il-kast jinkludi erba' solisti minn Sofia State Opera House: Sonia Marinova (Soprano), Konstantin Jankov (Tenur), Niko Isakov (Baritomu) u Ivanka Ninova (Mezzo Soprano).



Wieħed jista' jgħid li f'ebda opra tiegħu Puccini ma jerħi mingħajr riedni l-vina lirika tiegħu daqskemm fil-Madame Butterfly. Dan jista' ikun għaliex f'din l-istorja intima ta' imħabba leali tas-sbejħa Ġappuniża li tiġi milgħuba mill-Logotenent Amerika, Puccini seta' jilmaħ ftit jew wisq l-istorja familjari xejn feliċi tiegħu stess. Ma kienitx l-ewwel darba li l-karattru passjonali tiegħu ġabu fl-inkwiet. Iżda s-sbuħija li ssaħħar tal-melodiji ma jaqtgħu qatt, bħal per eżempju fid-dwett ta' mħabba bejn Cio Cio San u Pinkerton; id-dwett ċelebri bejn Pinkerton u Sharpless; il-famuz *coro a bocca chiusa*; ir-romnza-lament skwiżita *Un bel di Vedremo*, fost l-oħrajn, jagħmlu minn din l-opra stilla ta' ġmiel rari fil-firmament operistiku. Tant li sa minn meta Caruso u Destinn ġennew udjenzi kbar meta saret għall-ewwel darba f'Covent Garden fl-1905, din l-opra baqgħet tiġbed id-dilettanti b'mod straordinarju.



Responsabbli mid-direzzjoni mużikali huwa d-Direttur Mużikali stabbli tat-Teatru Astra, Prof. Joseph Vella, filwaqt li d-direzzjoni artistika hija ta' Prof. Joseph Friggieri. Il-kor tat-Teatru Asrtra ser ikun taħt id-direzzjoni ta' Dr. Maria Frendo, il-Chorus Mistress residenti tat-Teatru u x-xenografija hija ideata mill-artist Għawdxi John Grima. Il-kostumi ser ikunu f'idejn Manwel Grima u George Farrugia filwaqt li d-dwal huma f'idejn Ivan Gaklea u George Zammit. Carmelo Zammit huwa Stage Manager.

**Il-booking fetaħ nhar is-Sibt 31 ta' Marzu.**

# KUNĊERT MEMORABBLI MILL-BANED 'LA STELLA u 'KONTI RUĠĠIERU' F'ĠIEĦ GIUSEPPE VERDI



Għeluq il-mitt sena mill-mewt ta' Giuseppe Verdi tfakkar nhar is-Sibt 24 ta' Marzu 2001 fit-Teatru Astra bi programm mużikali li sar mill-Baned La Stella u Konti Ruggieru tar-Rabat ta' Malta. Għall-okkażjoni ż-żewġ baned daqqew flimkien taħt id-direzzjoni ta' Prof Joseph Vella, li huwa s-Surmast Direttur taż-żewġ għaqdiet mużikali.

Il-programm kien jinkludi xogħlijiet mużikali li ħarġu mill-pinna ta' dan iċ-ċelebri kompożitur Taljan. Dawn kienu s-Sinfonija mill-opra 'Giovanna d'Arco', Fantasia mill-opra 'La Traviata', Fantasia mill-opra 'Rigoletto' u Selection mill-opra 'Macbeth'. F'dawn l-erba' kompożizzjonijiet il-kumpless bandistiku La Stella/Konti Ruggieru wera abilta' kbira fl-esekuzzjoni kemm b'mod kollettiv kif ukoll fuq bażi singolari. Id-direzzjoni ta' Prof. Vella kienet waħda impekkabbli mill-bidu sa l-aħħar. Ta' min jifraħ lil Prof. Vella u lill-bandisti kollha, b'mod partikolari lis-solisti taż-żewġ baned, għal dan il-kunċert kbir li għamel ġieħ liż-żewġ għaqdiet mużikali.

Lejn tmiem il-programm iż-żewġ Presidenti tas-Soċjetajiet, is-Sur Dolindo Cassar ta' La Stella u l-Konti Pawlu Tonna tal-Banda Konti Ruggieru, biddlu rigali ma' xulxin bħala tifkira ta' l-okkażjoni.

Il-Kunċert, li kien preżentat minn Charles Arrigo, sar taħt il-patroċinju ta' li Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, l-Onor Anton Tabone.

**L-istess kunċert sar ukoll Malta nhar is-Sibt 17 ta' Marzu 2001 fis-Sala Sir Temi Zammit fl-Universita' ta' Malta taħt il-ħarsien ta' l-ex-President ta' Malta, Dr. Ugo Mifsud Bonnici.**

A&M Printing Ltd. - Qala - 553217